**25 ta' Ġunju, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Cacopardo

*versus*

Ministru tax-Xogħlijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet

**Ritrattazzjoni – Qorti Kostituzzjonali – Sentenza ta'**

***Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma tistax tiġi ritrattata.***

Il-Qorti: –

Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmija Ministru tax-Xogħlijiet u l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet, li wara li ppremettew:

1. Illi l-intimat Carmel Cacopardi b'rikors ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Novembru, 1984 issottometta illi huwa jaħdem fit-Taqsima tad-Drenaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u ggradwa bħala Perit f'Diċembru, 1982, għalkemm sal-lum huwa baqa' ma ngħatax il-"*warrant*" ta' perit minkejja li għandu l-kwalifiki meħtieġa; li fit-3 ta' Ottubru, 1984 huwa ġie avżat mill-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet, Godwin Drago, illi huwa kien ser jiġi mkeċċi mill-impjieg; li r-raġuni mogħtija verbalment għat-tkeċċija kienet il-kitba tiegħu fil-ġurnali – b'riferenza għall-artikoli "Emanċipazzjoni", "Il-Pedamenti tar-Repubblika", "Meta Se Nibdew (1)" u "Meta Se Nibdew (2)"; li t-tkeċċija tiegħu ġiet ikkomunikata lilu bil-miktub fit-8 ta' Ottubru, 1984 mingħajr ma ngħatat raġuni bil-miktub għaliha; li fid-9 ta' Ottubru, 1984 huwa ġie maħruġ 'il barra mill-uffiċċju mill-Pulizija; li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu *ai termini* ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u dana *in vista* tal-fatt illi diversi persuni li jaħdmu mal-Gvern b'fehmiet politiċi li jissimpatizzaw mal-Partit fil-Gvern jiktbu artikolu

regolarment fil-ġurnali anke politiċi mingħjar ma ttieħdu ebda passi kontra tagħhom; li inoltre, ir-raġuni għat-tkeċċija mogħtija, ċjoè l-kitba tiegħu fil-ġurnali, tammonta għal ksur tal-libertà ta' l-espressjoni kif maħsub fl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, li għaldaqstant huwa talab lil dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha (1) tiddikjara u tiddeċidi illi t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu u tikser id-dritt tiegħu għal-libertà ta' espressjoni; (2) tħassar it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg; u (3) tagħti kwalunkwe ordni jew direttiva li tqis xierqa biex jiġu adegwatament protetti d-drittijiet u l-interess tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-Ministru tax-Xogħlijiet u l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet;

2. Illi l-esponenti b'risposta ppreżentata fis-6 ta' Novembru, 1984, issottomettew illi l-intimat ma eżawriex ir-rimedju li għandu li jadixxi t-Tribunal Industrijali fi proċeduri kontra t-tkeċċija tiegħu, għat-tenur ta' l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, u għalhekk il-Qorti għat-tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fihom vestiti skond id-disposizzjonijiet iċċitati mill-intimat; li l-Ministru tax-Xogħlijiet ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet jidher għan-nom u in rappresentenza tad-Dipartiment tiegħu fi proċeduri ġudizzjarji fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-attivitajiet ta' dak id-Dipartiment u l-ġudizzju huwa integru mingħajr in-neċessità li ma' l-Aġent Direttur ikun hemm anki fil-kawża l-Ministru; li fil-mertu, id-domandi huma mingħajr bażi tant għar-rigward ta' l-allegazzjoni ta' ksur tal-libertà ta' l-espressjoni taħt l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, u kemm għar-rigward ta' l-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu peress illi hija raġuni valida ta' tkeċċija l-kritika despreġjattiva kontra l-Gvern b'artikoli

ppubblikati fil-ġurnali minn persuni mħallsa minn flus il-poplu; u għalhekk fi kwalunkwe każ id-domandi għandhom jiġu miċħudin bl-ispejjeż;

3. Illi l-esponenti talbu b'rikors tat-12 ta' Novembru, 1984, li l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet jiġi mqiegħed barra mill-kawża a terminu ta' l-eċċezzjoni tagħhom liema talba ġiet miċħuda fis-6 ta' Diċembru, 1984;

4. Illi b'sentenza mogħtija minn dik l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Ġunju, 1985, iddeċidiet li fl-ewwel lok iddikjarat li t-taħrika fil-kawża ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet ma kinitx meħtieġa u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni tiegħu f'dan ir-rigward u ordnat li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż ta' Carmel Cacopardo; fit-tieni lok, imbagħad laqgħet it-talbiet kollha tar-rikorrent Carmel Cacopardo kif dedotti fir-rikors fil-konfront ta' l-Aġent Direttur, jew Direttur skond il-każ, tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet bħala l-persuna responsabbli u dana billi (1) iddikjarat illi t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu; kif ukoll, għalkemm b'ammont ta' riserva kienet tikser id-dritt tiegħu għal-libertà ta' espressjoni; (2) ħassret għalhekk b'ordni tagħha din it-tkeċċija mill-impjieg; u (3) konsegwentement ikkundannat u ordnat lill-Aġent Direttur jew Direttur bħala Kap tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet li jħallas lill-impjegat tiegħu Carmel Cacopardo s-salarju; *"bonus"* u kumpensi u benefiċċji oħra kollha mingħajr tnaqqis u għal liema seta' kkwalifika b'effett mid-data tat-tkeċċija kif lilu kkomunikata; (4) fl-aħħarnett ikkundannat lill-imsemmi Aġent Direttur jew Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet li jħallas l-ispejjeż kollha ġudizzjarji minbarra dawk relattivi għall-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet li dwarhom il-Qorti diġà ddeliberat;

5. Illi l-partijiet appellaw kontra dik is-sentenza lil din il-Qorti li b'sentenza mogħtija minnha fid-29 ta' Jannar, 1986, iddeċidiet li (1) tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in kwantu lliberat lill-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni ssollevata fil-paragrafu (2) tar-risposta ta' l-esponenti (fol. 5 tal-proċess); (2) ikkonfermatha in kwantu ddikjarat li l-ewwel Qorti għażlet li tisma' u tiddeċidi l-każ hi, skond il-Kostituzzjoni; (3) irrevokatha in kwantu ddikjarat, għalkemm b'ammont ta' riserva, illi t-tkeċċija ta' l-intimat Carmel Cacopardo mill-impjieg kienet bi ksur tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni, u ddikjarat minflok illi, għar-raġunijiet premessi fid-deċiżjoni, ma kienx hemm ksur ta' dan id-dritt; (4) ikkonfermatha in kwantu ddikjarat illi t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet tammonta għal diskriminazzjoni minħabba fl-opinjoni politika tiegħu u in kwantu ordnat it-tħassir ta' l-ordni tat-tkeċċija ta' Carmel Cacopardo u stabbiliet ir-rimedji opportuni – biż-żieda li, *in vista* ta' dak li diġà ġie deċiż, l-istess dikjarazzjoni u konsegwenzjali ordni u rimedji japplikaw anke fil-konfront ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet; (5) irrevokat in kwantu tirriferixxi għall-kap ta' l-ispejjeż, u minflok iddeċidiet li l-ispejjeż kollha ta' l-ewwel istanza għandhom jiġu ssopportati kwantu għal kwart (¼) minn Carmel Cacopardo u tliet kwarti (¾) mill-esponenti. L-ispejjeż ta' dik l-istanza jitħallsu, kwantu għall-appell ta' Carmel Cacopardo, mill-esponenti; u kwantu għall-appell magħmul mill-esponenti, terz (⅓) minn Carmel Cacopardo u żewġ (⅔) mill-esponenti;

6. Illi din l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti, għar-raġunijiet fl-istess petizzjoni msemmija, in kwantu ddikjarat li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront ta' Carmel Cacopardo minħabba l-opinjoni politika tiegħu hi soġġetta għal ritrattazzjoni

għab-bażi ta' l-artikolu 814(e) u (i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi (a) is-sentenza applikat il-liġi ħażin fis-sens ta' l-artikolu 814(e), u (b) fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin fis-sens ta' l-artikolu 814(i);

Talbu lil din il-Qorti biex, prevja r-revoka tas-sentenza mogħtija minnha fid-29 ta' Jannar, 1986, fl-ismijiet "Carmel Cacopardo *vs* Ministru tax-Xogħlijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet" in kwantu sabithom ħatja ta' diskriminazzjoni kontra Carmel Cacopardo minħabba l-opinjoni politika, a tenur ta' l-artikolu 814(e) u (i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi kien hemm applikazzjoni ta' liġi ħażina u minħabba disposizzjonijiet kontradittorji kif fuq espost, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża limitatament kif fuq indikat u tilqa' l-appell tat-8 ta' Lulju, 1985, fl-ismijiet "Carmel Cacopardo *vs* Ministru tax-Xogħlijiet u l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet" interpost minnhom kwantu għan-nuqqas ta' ksur tal-Kostituzzjoni billi huma ma għamlux diskriminazzjoni politika kontra Carmel Cacopardo, u tirrevoka għal dan il-għan u limitatament kif fuq espost is-sentenza tal-Prim'Awla tas-27 ta' Ġunju, 1985, u tilqa' s-sottomissjonijiet tagħhom, bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' din il-proċedura, kontra Carmel Cacopardo;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmi Carmel Cacopardo li, għar-raġunijiet fl-istess risposta msemmija, issottometta li s-sottomissjonijiet ta' l-intimati magħmula bil-Petizzjoni pprezentata fl-10 ta' April, 1986, għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni, kompriż il-verbal tat-12 ta' Mejju, 1986, li jagħmel riferenza għall-verbal ta' l-istess ġurnata fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Galea *noe vs*

Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi'' minn fejn jidher li l-kawża kienet ġiet differita għat-trattazzjoni dwar il-kwistjoni ssollevata mill-Qorti jekk deċiżjonijiet ta' din il-Qorti humiex soġġetti għal ritrattazzjoni kkontemplata fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Semgħet dwar dan il-punt lid-Difensur ta' l-intimati Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u *Aġent Direttur tax-Xogħlijiet*, peress li d-Difensur tar-rikorrent Carmel Cacopardo għażel li ma jittrattax dan il-punt;

Għall-istess motivi msemmija fil-kawża fl-ismijiet ''Joseph Galea *noe vs* Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi'' deċiża minn din il-Qorti llum stess, liema motivi japplikaw ukoll għall-każ preżenti u għalhekk m'hemmx lok li jiġu ripetuti f'din il-kawża;

Tiddeċidi billi tiddijara li l-proċedura ta' ritrattazzjoni m'hijiex ikkontemplata u kwindi ma tistax tintuża f'każ bħal dak in eżami, u għalhekk tiddikjara l-petizzjoni li permezz tagħha ntalbet ir-ritrattazzjoni irrita u nulla u ma tiħux konjizzjoni tagħha. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.